

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għas-Sajd

2008/0166(CNS)

15.10.2008

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni ta' emendi lill-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni multilaterali fil-ġejjieni rigward is-Sajd fil-Grigal ta' l-Atlantiku, li jippermettu l-istabbiliment ta' proċeduri biex jissolva t-tilwim, l-estensjoni ta' l-ambitu tal-Konvenzjoni u reviżjoni ta' l-għanijiet tal-Konvenzjoni
(COM(2008)0512 – C6-0338/2008 – 2008/0166(CNS))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Philippe Morillon

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa **qawwija u korsiva**. Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovrji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni ta' emendi lill-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni multilaterali fil-ġejjieni rigward is-Sajd fil-Grigal ta' l-Atlantiku, li jippermettu l-istabbiliment ta' proċeduri biex jissolva t-tilwim, l-estensjoni ta' l-ambitu tal-Konvenzjoni u reviżjoni ta' l-għanijiet tal-Konvenzjoni (COM(2008)0512 – C6-0338/2008 – 2008/0166(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2008)0512)¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 37 u 300(2) tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0338/2008),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0000/2008),
1. Japprova l-emendament tal-Konvenzjoni;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni.

¹ Għadha mhux ippublikata fil-ĠU

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Konvenzjoni dwar il-Koperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni rigward is-Sajd fil-Grigal ta' l-Atlantiku (il-Konvenzjoni) ġiet iffirmata f' Londra fit-18 ta' Novembru 1980 u daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 1982. Il-Komunità Ewropea ssieħbet f' din il-Konvenzjoni fit-13 ta' Lulju 1981¹.

Il-Konvenzjoni stabilixxiet organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd, il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Grigal tal-Atlantiku, bil-għan li tħeġġeġ il-konservazzjoni u l-aqwa użu tar-riżorsi tas-sajd taż-żona tal-Grigal ta' l-Atlantiku f'qafas li jikkonforma mas-sistema ta' estensjoni tal-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Kostali fuq is-sajd, u għalhekk li tinkoraġġixxi kif xieraq il-kooperazzjoni u l-konsultazzjoni internazzjonali fir-rigward ta' dawn ir-riżorsi.

Il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill għandha bħala għan:

- it-traspożizzjoni fil-liġi Komunitarja tal-emendi għall-Konvenzjoni adottati mill-Kummissjoni għas-Sajd fil-Grigal tal-Atlantiku waqt it-23 laqgħa annwali tagħha, f'Novembru 2004, li jawtorizzawha biex tadotta r-rakkomandazzjonijiet li jstabilixxu proċeduri għas-soluzzjoni ta' tilwim li jirriżulta mill-Konvenzjoni;
- id-definizzjoni aħjar tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni li jkopri dawk il-partijiet ta' l-Oċeani Atlantiku u Arktiku u l-ibħra dipendenti tagħhom, li jinsabu 'il fuq minn 36° ta' latitudni Tramuntana u bejn 42° ta' lonġitudni Punent u 51° ta' lonġitudni Lvant, imma li jeskludi:
 - partijiet tal-Baħar Baltiku u l-Belts li jinsabu fin-Nofsinhar u fil-Lvant tal-linji li jgħaqqdu Hasenore Head ma' Gniben Point, Korshage ma' Spodsbierg u Gilbjerg Head ma' Kullen,
 - partijiet tal-Baħar Mediterran u l-ibħra dipendenti tiegħu sal-punt ta' intersezzjoni tal-parallel ta' 36° ta' latitudni u l-meridjan ta' 5°36' ta' lonġitudni Punent,
 - parti ta' l-Oċean Atlantiku li tinsab 'il fuq minn 59° ta' latitudni Tramuntana u bejn 44° ta' lonġitudni Punent u 42° ta' lonġitudni Punent;
- iċ-ċarar tad-definizzjonijiet u ż-żieda ta' oħrajn;
- l-inkorporazzjoni tal-ispeċi sedentarji fl-ambitu tal-Konvenzjoni.

Konsiderazzjonijiet tar-rapporteur:

Meta wieħed iqis li l-modiki introdotti għall-Konvenzjoni huma intenzjonati biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tagħha, speċifikament f'dak li għandu x'jaqsam mas-soluzzjoni ta' tilwim, u li, apparti dan, se jtejbju l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, ir-rapporteur qed jesprimi

¹ ĠU L 227, 12.8.1981, p. 21.

opinjoni favorevoli għall-proposta ta' deċiżjoni tal-Kunsill.